BIRKIRKARA

*Minuti tas-Sebgħa u Erbgħin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fis-6.30pm.*

| | |
|---|---|
| | ***Il-Membri*** |
| ***Is-Sindku*** | *Is-Sinjura Joanne Debono Grech* |
| ***Il-Kunsilliera*** | *Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)*<br>*Is-Sur Michael Fenech Adami*<br>*Is-Sur Kaylocke Buhagiar*<br>*Is-Sur Liam Gauci*<br>*Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti)*<br>*Is-Sur Mark George Abdilla*<br>*Is-Sur Anthony Buttigieg*<br>*Is-Sur John Mary Calleja*<br>*Is-Sur Herbert Conti (Assenti)*<br>*Is-Sur John Mizzi*<br>*Is-Sinjura Marie Claire Zammit*<br>*Is-Sur John Borg* |
| ***Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar*** | *Is-Sur Matthew Mangion (Assent skużat)* |
| ***Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys*** | *Dott. Francesca Zarb* |
| ***L-Uffiċċjal:***<br>***Segretarju Eżekuttiv*** | *Is-Sur Neil Spiteri* |

*Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Keylocke Buhagiar u s-Sur John Borg. Il-kunsilliera s-Sinjura Josianne Cardona Gatt u s-Sur Herbert Conti kienu assenti.*

*Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sur Matthew Mangion kien assent skużat. Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, kien hemm preżenti Dott. Francesca Zarb.*

*Għal din il-laqgħa kien hawn il-preżenza tal-pubbliku.*

## *1. Talba*

*1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.*

## *2. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 45 u 46*

*2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 45 ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati nem. con fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.*

*2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 46 ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati nem. con fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.*

## *3. Kunsiderazzjoni u affarijiet li jirriżultaw mill-minuti*

*3.1 Ma kienx hemm kunsiderazzjonijiet.*

## *4. Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 33 u tal- 'Petty Cash'*

*4.1 Iż-żewġ listi ġew approvati mingħajr oġġezzjonjiet, fuq proposta tas-Sindku Joanne Debono Grech ssekondata mill-Kunsilliera Anthony Buttigieg u JM Jimmy Calleja rispettivament.*

## *5. Tender BLC2-15 Ġbir ta' Skart, Appell*

*5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dwar dan it-tender kien hemm appell minn Executive Tenders illi kienu tefgħu l-iktar offerta għolja, fejn għal dan l-appell l-avukat tal-Kunsill diġa' bagħat uffiċċjalment ir-raġuni għaliex intgħażel WM Environmental.*

*5.2 Il-Kunsillier is-Sur John Borg staqsa fuq liema bażi sar l-appell u s-Segretarju qal li l-appell sar fuq punt ta' proċedura. Is-Segretarju għaddha l-korrispondenza kollha lill-Kunsilliera.*

## *6. Data tal-Ftuħ uffiċċjali Fleur De Lys Gate*

*6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Bieb ta' Fleur De Lys se jinfetaħ fit-28 ta' April filgħaxija mill-Onor. Prim Ministru ta' Malta. Ix-xogħol min-naħa ta' l-istaff qed isir minn Andre' Camilleri u Marisa Attard Pace.*

*6.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk għandux jiġi ffurmat kumitat sabiex tiġi organizzata din l-attivita'. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kienet inkarigat lill-Kunsillier is-Sur Keylock Buhagiar biex jieħu ħsieb hu.*

*6.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-ħamis filgħaxija jaf ikollna problema biex nagħlqu arterja bħal dik u qal illi s-soltu ikun kumitat li jiddeċiedi. Hu qal li għandna ndaħħlu l-Kunsill ta' Santa Venera għax jibża' li jkollna xi problemi.*

*6.4 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal illi hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li min irid jiġi u jiddiskuti miegħu u se jsejjaħ laqgħa. Madankollu l-laqgħa trid issir malajr peress li ż-żmien qed jagħfas.*

## *7. Town Twinning ma' Isani, distrett fi Tbilisi Ġorġja*

*7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali dwar il-possibilta' ta' ħidma mill-qrib mal-Kunsill Lokali ta' Isani fi Tbilisi l-Ġorġja, fejn skond l-AKL, dawn kellhom il-fondi neċessarji biex jiġu Malta u jħallsu kollox huma.*

*7.2 Filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni għal kollaborazzjoni bħal din, il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi rridu noqogħdu attenti li ma nispiċċawx inħallsu aħna. Għaldaqstant talab lis-Segetarju jġib konferma mill-miktub f'dan is-sens mill-AKL.*

## *8. Korrispondenza*

*8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq stedina mingħand il-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis tal-Burokrazija, għal laqgħa miegħu f'Kastilja t-Tlieta 22 ta' Marzu. Għall-Kunsill se jattendu l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv.*

## 9. Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

*9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet apparti dawk li diġa' kien hemm fuq temi oħra iktar qabel fil-minuti.*

## 10. Kommunikazzjoni mis-Sindku

*10.1 Is-Sindku qalet illi l-lokalita' tagħna ġiet kklassifikata fit-tieni post bejn il-lokalitajiet fejn fih qed jinġabar l-iskart organiku. Ingħatajna s-somma ta' 3,000 Ewro biex jintefqu fuq l-ambjent.*

*10.2 Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal illi għadna m'aħniex kuntenti bis-servizz tal-ġbir ta' skart peress illi ġie li jkun hemm boroż li ma jinġabrux, u billi titwaħħal sticker ħamra ma tkunx qed issolvi l-problema.*

## 11. Għeluq

*11.1 Il laqgħa spiċċat fis-sebgħa u għaxra ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.*

**IFFIRMATA**

*Joanne Debono Grech*
*Sindku*

**IFFIRMATA**

*Neil Spiteri*
*Segretarju Eżekuttiv*

*Segwi l-laqgħat live fuq*
**http://birkirkaralocalcouncil.com/live-streaming/**